MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Rikors Kongunt Numru. 69/2012

**A B**
**u**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tal-partijiet;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Frar, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta’ Ottubru 2006;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti tal-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati sa mill-20 ta’ Ottubru 2006;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat ukoll illi ma twieldux tfal minn dan iz-zwieg u illi l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom illi jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------